## X'GĦANDU XI JGĦID ĠESÙ KRISTU DWARU NNIFSU

### Leġġenda, Miġnun, Giddieb, jew Mulej u Alla?

**Fil-ktieb famuż tiegħu *Mere Christianity***, C.S. Lewis jagħmel din l-istqarrija, "Raġel, li huwa sempliċiment bniedemn u qal ix-xorta ta' ħwejjeġ li Ġesù qal ma jkunx għalliema kbir morali. Hu jew ikun miġ-nun—fuq il-livell ma' raġel li jgħid li hu bajda mgħollija—jew hu jkun ix-xitan ta' l-infern. Int għandek tieħu l-għażla tiegħek. Jew dan kien, u huwa, l-Iben ta' Alla, jew inkella raġel miġnun jew xi ħaġa agħar. Int tista' tgħalqu bħala iblaħ jew int tista' tinżel f'riġlejh u ssejjaħlu Mulej u Alla. Imma ħalli aħna ma niġux bi bluha kondixxendenti (b'arja) dwar li Hu huwa għalliema kbir uman. Hu ma ħalliex dan miftuħ għalina."

Ġesù seta' kien biss wieħed minn erba' affarijiet: leġġenda, giddieb, miġnun—jew Mulej u Alla. Ma' tant xhieda storika u arkeoloġika biex tappoġġja l-eżistenza Tiegħu li kull storiku rispettabbli u ta' fama tajba jaqbel li Ġesù ma kienx sempliċiment leġġenda. Jekk Hu kien giddieb, għaliex Hu kien se jmut għat-talba Tiegħu, meta Hu faċilment kien jista' jevità mewta krudili bħal dik bi ftit kliem magħżula? U, jekk Hu kien miġnun, kif Hu kien jista' jdaħħal Lilu Nnifsu f'dibattiti intelliġenti ma' l-opponenti Tiegħu jew jikkontrolla t-tensjoni tat-tradiment Tiegħu u l-kurċifissjoni waqt li jkompli juri mħabba profonda lejn l-antagonisti tiegħu? Hu qal li Hu kien Mulej u Alla. Ix-xhieda tappoġġja dik it-talba.

Hawn huma xi wħud mit-talbiet tal-qofol li Ġesù għamel Dwaru Nnifsu.

## IT-TALBIET BIL-JEDD TIEGĦU

### 1. Hu stqarr li għex ħajja bla dnub

Ġesù kien jista' jħares lejn folla nies irrabjati dwar dak li Hu stqarr Dwaru Nnifsu li jaqsam in-natura ta' Alla u jistaqsi, "Min minnkom jista' juri għal xi ħaġa ħażina f'ħajti?" Saħansitra aktar ta' l-għaġeb huwa li ħadd ma kien jista' jagħti tweġiba! Ebda bniedem qatt ma għex ħajja bla dnub, ħlief Ġesù.

**Ġwanni 8:28-29,**

> "*Imbagħad qalilhom Ġesù: 'Meta tgħollu lil <u>Bin il-bniedem</u>, imbagħad tagħrfu li jiena hu, u li minni nnifsi ma nagħmel xejn; iżda kif għallimni Missieri, jien nitkellem dawn il-ħwejjeġ. U dak li bagħatni hu miegħi: il-Missier ma ħallinix waħdi; għax jien nagħmel dejjem dawk il-ħwejjeġ li jogħġbu lilu.'*"

**Ġwanni 8:46-47,**

> "*Min minnkom <u>isibni ħati ta' xi dnub</u>? U jekk ngħid is-sewwa, għaliex ma temmnunix? Min hu minn Alla jisma' kliem Alla; għalhekk intom ma tisimgħuhomx, għax mintomx minn Alla.*"

Kemm Pawlu, Pietru u Ġwanni jsostnu fl-ittri tagħhom li Ġesù kien bla ebda dnub. Imma dwar il-kumplament tal-bnedmin l-oħra kollha, l-Iskrittura tgħidilna:

**Rumani 3:10-12, 23,**

> "*Kif hemm miktub: '<u>Ħadd, ebda wieħed, ma hu ġust…Ilkoll ħarġu minn triqathom; ilkoll kemm huma tħassru; ħadd ma hemm li jagħmel</u>*

*is-sewwa; **m'hemm l-anqas wieħed**'… Il-bnedmin **kollha** dinbu u ċċaħdu mill-glorja ta' Alla.*"

**Rumani 5:12,**

"*Bħalma kien permezz ta' bniedem wieħed li fid-dinja daħal id-dnub, permezz tad-dnub il-mewt, u hekk il-mewt laħqet il-bnedmin kollha, għax kollha dinbu…*"

Dwar Ġesù, iżda, l-Iskrittura tgħidilna li Hu biss, Hu waħdu kien mingħajr ebda dnub. U dan tgħidu biex ħadd ma jipprova jakkużah b'xi għemil ħażin:

**2 Korintin 5:21,**

"*Għax lil dak li ma għaraf ebda dnub, Alla għamlu biex ikun dnub għalina; biex aħna nsiru l-ħaqq ta' Alla fih.*"

**Lhud 4:15,**

"*Għax aħna m'għandniex qassis il-kbir li ma jħossx għad-dgħufijiet tagħna; imma li kien imġarrab f'kollox bħalna, iżda bla dnub.*"

**1 Pietru 2:22,**

"*Hu, li ma għamel ebda dnub, u li ma nstab ebda qerq f'fommu.*"

**1 Ġwanni 3:5,**

"*Intom tafu li hu deher biex ineħħi dnubietna; u li m'hemm ebda dnub fih.*"

Ġesù wera dan meta kellu d-diskussjoni mal-kap li kien għani fejn naqraw:

**Luqa 18:18-19,**

"*U wieħed kap staqsieħ, qallu: Mgħallem tajjeb, x'għandi nagħmel biex niret il-ħajja ta' dejjem? U Ġesù qallu: Għax issejjaħli tajjeb? **Ħadd** mhu tajjeb, **ħlief wieħed**, Alla.*"

Minn kliem Ġesù naraw li: (a) "**Ħadd** mhu tajjeb" u dan għaliex "il-bnedmin **kollha** dinbu" (Rumani 3: 23). (b) "**Ħlief wieħed**" u mhux tnejn jew tlieta jew aktar, imma WIEĦED BISS (Ħlief). Jista' dan ifisser li hemm xi ħadd ieħor li jista' jistqarr għalih innifsu li hu "tajjeb"? (ċ) "**ALLA**" waħdu u ħadd aktar ma hu tajjeb, skond Ġesù! Imma l-mistoqsija tiġi weħida hawn, mela jekk Ġesù mhuwiex dak 'l Alla li Hu biss huwa "tajjeb" allura Ġesù mhuwiex tajjeb u jekk mhuwiex tajjeb Ġesù jkun jinsab fl-istess klassi ta' dawk li l-appostlu Pawlu jgħid li "*ħadd, ebda wieħed, ma hu ġust,… m'hemm l-anqas wieħed*" (Rumani 3: 10, 12b). Imma biex L-Ispirtu s-Santu jurina li Ġesù Hu tabilħaqq "tajjeb" jgħidilna fil-Kelma Tiegħu li Hu m'għandu ebda dnub (2 Korintin 5:1; Lhud 4:15; 1 Pietru 2:22; 1 Ġwanni 3:5). Jista' Ġesù li Hu mingħajr ebda dnub ma jkunx *tajjeb*? U jekk Hu *tajjeb*, u jekk *ħadd ħlief Alla* ma hu tajjeb, allura ma hemmx konklużjoni oħra ħlief li Ġesù Hu dak 'l Alla li huwa rriferut Għalih f'Luqa 18:19. Hemm differenza kbira bejn it-tagħlim tal-bnedmin u t-tagħlim tal-Mulej li jinsab fl-Iskrittura Mqaddsa li hija l-Kelma diretta Tiegħu, il-Kelma ispirata mill-Ispirtu s-Santu!

**2. Hu stqarr li kien jista' jaħfer id-dnubiet.**

Waħda mir-raġunijiet li l-mexxejja Lhud kienu tant irrabjati ma' Ġesù kienet il-prattika kontinwa Tiegħu li jaħfer id-dnubiet tan-nies. Il-mexxejja reliġjużi fehemu ċar li billi d-dnubiet kienu ribelljoni kontra Alla Nnifsu, Alla waħdu kien jista' jaħfirhom.

**Luqa 5:20-21.**

> "*U kif ra l-fidi tagħhom, qallu: 'Raġel, dnubietek maħfura.' U l-iskribi u l-Fariżej bdew jaħsbu, u jgħidu: 'Min hu dan li qiegħed jitkellem id-dagħa? Min jista' jaħfer id-dnubiet* ***ħlief Alla waħdu****.'*"

**Luqa 7:48-49,**

> "*U qalilha: 'Dnubietek maħfura.' U dawk li kienu fuq il-mejda miegħu bdew igħidu fihom infushom: 'Min hu dan li jaħfer id-dnubiet ukoll?'*"

Hawn għandna l-istess kliem bħal dak li nsibu f'Luqa 18:19,

> "*Ħadd mhu tajjeb ĦLIEF WIEĦED, ALLA.*"

Hawn, f'Luqa 5:21 naqraw,

> "*Min jista' jaħfer id-dnubiet, ĦLIEF ALLA WAĦDU.*"

Hemm żewġ alternattivi dwar dan: Jew Ġesù Hu tajjeb (kif ċertament li Hu) u għal-hekk Hu 'l Alla wieħed, jew inkella Ġesù Hu raġel ħażin (mhux tajjeb). M'hemmx triq tan-nofs! Min-naħa l-oħra, jew Ġesù kien jista' jaħfer id-dnubiet u għalhekk Hu tassew 'l Alla li l-iskribi u l-Fariżej qalu li "*Hu waħdu jista' jaħfirhom*," jew inkella Ġesù kien impostur u ma kienx tassew 'l Alla li Hu biss kien jista' jaħfer id-dnubiet. M'hemmx triq tan-nofs hawn l-anqas!

**3. Hu stqarr li Hu daqs Alla.**

**Ġwanni 10:30,**

> "*Jiena u Missieri ħaġa waħda aħna.*"

**Ġwanni 5:17-18,**

> "*Iżda Ġesù weġibhom: 'Missieri għadu jaħdem s'issa, u jien qiegħed naħdem.' Għalhekk il-Lhud fittxu iżjed li joqtluh, għax mhux biss kiser is-Sibt, imma wkoll għax qal li Alla hu Missieru,* ***u b'hekk għamel lilu nnifsu DAQS ALLA****.*"

Jekk aħna nħallu l-Iskrittura tinterpreta lilha nfisha dwar dan il-kliem, jiġifieri, "…*u b'hekk għamel lilu nnifsu daqs Alla*" m'għandna jkollna l-ebda diffikultà biex nifhmu sewwa għaliex il-Lhud qalu dak il-kliem. Il-problema llum hija li xi reliġjużi minflok ma jħallu l-Iskrittura tinterpreta lilha nfisha, huma jagħtuha l-interpretazz-joni tagħhomn infushom:

**Filippin 2:5-7,**

> "Ħa *jkollkom fikom dan il-ħsieb, li kien fi Kristu Ġesù: Li, għalkemm kien* ***f'sura*** *t'Alla, ma qishiex bħala ħaġa misruqa li jkun* ***daqs Alla****: Iżda xejjen lilu nnifsu, u ħa fuqu* ***s-sura*** *ta' qaddej, u kien magħmul fix-xbieha tal-bnedmin.*"

Il-kelma "sura" hawn fil-Grieg hija *morphè* li tfisser "l-essenza tal-ħaġa." Dan ifisser li Kristu Ġesù tabilħaqq Hu Alla li Jista' Kollox! Tkun xi tkun l-interpretazzjoni ta'

xi għalliema reliġjużi, din it-tifsira ħadd ma jista' jibdilha! Għalhekk il-Lhud: "*fitt-xew iżjed li joqtluh*" (Ġwanni 5:18), "*Għax int, bniedem, tagħmel lilek innifsek Alla*" (Ġwanni 10:33). Il-Lhud kienu jafu sewwa li ebda bniedem ma kien jista' hija L-Iskrittura tkompli tfissrilna dan:

**Lhud 1:3,**

> "*Hu, l-Iben, li hu d-dija tal-glorja ta' Alla u x-xbieha perfetta ta' l-essenza tiegħu…*"

Imma biex Ġesù jkompli jsaħħa l-egwaljanza Tiegħu mal-Missier, qal lil-Lhud, u lilna,

**Ġwanni 5:23**

> "*Biex il-bnedmin kollha* ***jweġġħu l-Iben, bħal ma jweġġħu l-Missier. Min ma jweġġahx l-Iben, ma jweġġahx il-Missier*** *li bagħtu.*"

Aħna nafu li l-qima għandha tinagħta lil Alla biss. Imma l-Iskrittura wkoll tkompli tfissrilna dak li qal Ġesù fi Ġwanni 5:23:

**Lhud 1:6,**

> "*U raġa', meta ġieb l-iben il-kbir fid-dinja, qal:* ***Ħa jqimuh l-anġli kollha t'Alla.***"

La Ġesù Kristu għandu jkun mogħti qima, saħansitra mill-anġli *kollha*, u l-qima għandha tingħata lil Alla biss, dan juri ċar li Ġesù Kristu Hu tassew Alla.

**4. Hu stqarr li Hu L-UNIKA triq għal għand Alla**

Mhux waħda minn bosta toroq, imma *l-waħda u l-unika triq*. Mhux biex jgħallem it-triq, imma li jkun it-triq għal għand Alla. Ħadd qatt qabel ma għamel u ma jista' jagħmel stqarrijiet bħal dik u ddefendihom, im-ma Ġesù għamel dan permezz ta' l-imħabba Tiegħu, il-ħajja bbilaċjata Tiegħu, u l-mirakli Tiegħu.

**Ġwanni 14:6,**

> "*Qallu Ġesù: 'Jiena t-triq, u s-sewwa, u l-ħajja: ħadd ma jiġi għand il-Missier, ħlief bija.*"

**Mattew 11:27,**

> "*Il-ħwejjeġ kollha mgħotija lili minn Missieri: u l-ebda bniedem ma jagħraf lill-Iben, ħlief il-Missier; l-anqas ħadd ma jaf lill-Missier, ħlief l-Iben, u dak li lilu l-Iben irid igħarrafhulu.*"

**1 Timotju 2:5,**

> "*Għax hemm Alla wieħed, u medjatur wieħed bejn Alla u l-bnedmin: il-bniedem Kristu Ġesù.*"

**5. Hu stqarr li kien qasam ma' Alla l-glorja ta' Alla fis-smewwiet.**

Ġesù stqarr li Hu eżista qabel in-nies li Hu tkellem magħhom. L-appostlu Ġwanni—li qasam il-ħobż ma' Ġesù—kiteb li Ġesù kien ma' Alla sewwasew fil-bidu, u li:

**Ġwanni 1:1-5,**

*"L-ħwejjeġ <u>kollha</u> saru bih; u xejn ma sar mingħajru milli sar."*

Il-klema Griega għal "kollha" hawn hija "*pas*" li tfisser li kull ħaġa maħluqa hija maħluqa minn Ġesù. Ma hemm **xejn** maħluq li mhuwiex maħluq minnu! U hawn ukoll naraw kemm hu żbaljat it-tagħlim ta' xi wħud li Ġesù Kristu Hu maħluq u mhux li kien minn dejjem!

**Ġwanni 17:5,**

*"U issa, o Missier, igglorifikani int bik innifsek stess, bil-glorja li kelli miegħek qabel ma kienet id-dinja."*

**6. Hu stqarr li Hu Sultan tas-Smewwiet.**

**Luqa 22:69,**

*"Minn issa Bin il-bniedem joqgħod fil-lemin tas-setgħa t'Alla."*

**Luqa 23:1-3,**

*"U qamet il-ġemgħa kollha tagħhom, u ħaduh għandu Pilatu. U bdew jixluh, billi jgħidu: 'Lil dar-raġel sibnieh jaqleb lil ġensna, u ma jħallix li jitħallas il-ħaraġ lil Ċesri, u jgħid li huwa Kristu, sultan.' U staqsieh Pilatu, qallu: 'Int is-sultan tal-Lhud?' Wieġbu u qal: 'Int għidt.'"*

**Ġwanni 18:36-37,**

*"Ġesù qal:'Is-saltna tiegħi mhix ta' did-dinja: kieku ta' did-dinja kien-et is-saltna tiegħi, il-qaddejja tiegħi kienu jissieltu, biex ma ningħatax f'idejn il-Lhud: imma issa s-saltna tiegħi* ***<u>mhix ta' hawn</u>****.' Għalhekk qallu Pilatu: 'Mela int sultan?' Ġesù wieġeb: 'Int tgħid li jien sultan. Jien twelidt għalhekk, u għalhekk ġejt fid-dinja, biex nixhed lis-sew-wa. Kull min hu mis-sewwa jisma' leħni.'"*

**7. Hu stqarr li kien jista' jagħti l-ħajja ta' dejjem**

Hu ma qalx sempliċiment lin-nies kif huma jistgħu jsibu l-ħajja ta' dejjem, Hu attwalment stqarr li jagħti l-ħajja Hu Nnifsu.

**Ġwanni 6:40,**

*"U din hi r-rieda ta' dak li bagħatni, li kull min jara l-Iben, u jemmen fih, ikollu l-ħajja ta' dejjem; u jien inqajmu fl-aħħar jum."*

**Ġwanni 6:47,**

*"Tassew, tassew, ngħidilkom: Min jemmen fija għandu l-ħajja ta' dejjem."*

**Ġwanni 10:28-30,**

*"U jien nagħtihom il-ħajja ta' dejjem; u ma jintilfu qatt, u lanqas ebda bniedem ma jaħtafhomli minn idi. Missieri tahomli, hu aqwa minn kulħadd; u ebda bniedem ma jista' jaħtafhom minn id Missieri. Jiena u Missieri ħaġa waħda aħna."*

**Ġwanni 11:25,**

> "*Qalilha Ġesù: 'Jiena hu l-qawmien, u l-ħajja: min jemmen fija, għad illi jkun mejjet, jgħix.'*"

"Jiena u Missieri ħaġa waħda aħna" fis-sens li ħadd ma jista' jistqarr għalih innifsu li hu l-ħajja ħlief il-Missier u l-Iben! Għal darb'oħra, kif jista' Ġesù Kristu jkun Hu Nnifsu "il-ħajja" jekk, kif jgħallmu xi wħud, Hu maħluq u ma kienx minn dejjem! Ukoll ma jistax qatt li jkun "il-Ħajja" jekk Ġesù Kristu Hu *anġlu*! Jekk Ġesù Kristu kien maħluq, allura qatt ma jista' jkun "il-ħajja", mhux li jagħti l-ħajja, imma li Hu Nnifsu huwa "l-ħajja."

**8. Hu stqarr li Hu għandu jmut u jerġa' jiġi lura għall-ħajja.**
**Ġwanni 10:15, 17, 18,**

> "*Bħalma l-Missier jagħraf lili, hekk ukoll jien nagħraf il-Missier—u jien nagħti ħajti għan-ngħaġ…. Għalhekk iħobbni Missieri, għax nagħti ħajti, biex narġa' neħodha. Ħadd ma jeħodieli, iżda jien nagħtiha minni nnifsi. Jien għandi s-setgħa nagħtiha, u għandi s-setgħa narġa' neħodha. Dan il-kmand jiena rċevejtu minn għand Missieri.*"

**Ġwanni 12:32-33,**

> "*U jiena, jekk nirtafa' mill-art, niġbed lil kulħadd lejja. Qalu dan, biex ifisser b'liema mewt kellu jmut.*"

**Ġwanni 16:16,**

> "*Ftit ieħor, u ma tarawnix iżjed: u tarġa' ftit ieħor, u tarawni, għax sejjer għand il-Missier.*"

**Luqa 18:31-33,**

> "*Imbagħad ħa miegħu t-tnax, u qalilhom: 'Ara, aħna telgħin Ġerusalem, u jseħħu l-ħwejjeġ kollha li nkitbu mill-profeti dwar Bin il-bniedem; Għax jagħtuh f'idejn il-Ġentili, u jiddieħku bih, u jgħajruh, u jobżqulu: U jsawtuh, u joqtluh: u mat-tielet jum jarġa' jqum.'*"

Ta' min jinnota hawn li kull ma qalu l-profeti, il-*ħwejjeġ kollha*, kellhom iseħħu meta Ġesù jkun Ġerusalem u mhux sekli wara l-mewt Tiegħu kif jgħallmu xi wħud.

**9. Hu stqarr li Hu jarġa' jiġi biex jiġġudika d-dinja**

**Mattew 24:27-39,**

> "*Għax bħalma l-berqa tiġi mil-lvant, u tidher ukoll mill-punent; hekk ukoll tkun il-miġja ta' Bin il-bniedem…. Imbagħad jidher is-sinjal ta' Bin il-bniedem fis-sema: u mbagħad it-tribujiet kollha ta' l-art jolfqu, u jaraw Bin il-bniedem ġej fis-sħab tas-sema b'qawwa u glorja kbira.*"

**Mattew 25:31-32,**

> "*Meta Bin il-bniedem jiġi fil-glorja tiegħu, u l-anġli mqaddsa kollha miegħu, imbagħad joqgħod fuq it-tron tal-glorja tiegħu: U jinġabru quddiemu l-ġnus kollha: u jifridhom minn xulxin bħalma r-ragħaj jifred in-ngħaġ mill-gidjien:*"

**Mark 14:61-62,**

“*…Raġa’ staqsieh il-qassis il-kbir, u qallu: ‘Inti l-Kristu, Bin l-Imbierek?’ U Ġesù qal: ‘Jien hu; u għad taraw Bin il-bniedem qiegħed fil-lemin tal-qawwa, u ġej fis-sħab tas-sema.’*”